# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru : 252/2019 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**LA**

**U**

**GG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors konġunt ta' LA u GG datat 31 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi huma iżewwġu fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju, tas-sena elf, disgħa mija u disa u disgħin (1999), f'Ħal Balzan (Malta) liema zwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, bin-numru elf, mitejn u tmienja u erbgħin tas-sena elf, disa mija, u disa u disgħin (1248/99);*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġ ulied, A u S, li preżentament it-tnejn li huma għadhom minuri;*

3. *Illi l-ħajja konjugali bejn ir-rikorrenti ma baqgħetx aktar possibli minħabba raġunijiet fil-Liġi li jagħtu lok għal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentament ir-rikorrenti resqu għal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat fl-għoxrin (20) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014), redatt min-Nutar Joseph Tabone, u iffirmat mill-*

*partijiet nhar it-tlettax (13) ta' Ġunju, tas-sena elfejn u erbatax (2014) (Kopja fotostatika tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A')*

4. *Illi jirriżulta għalhekk li għaddew aktar minn erba' snin, mid-data ta' din is-separazzjoni legali;*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom u filfatt għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi in kwantu għall-obbligu ta' manteniment, jiġi dikjarat, illi r-rikorrenti GG, dejjem ivversa manteniment għaż-żewġ uliedu A u S, lil martu LA u dan skond l-obbligu tiegħu naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni surreferit, senjatament klawsola enumerata 5;*

7. *Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha sabiex:*

i. *Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ ċelebrat bejniethom, fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju, tas-sena elf, disgħa mija u disa u disgħin (1999), f'Ħal Balzan (Malta) liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, bin-numru elf, mitejn u tmienja u erbgħin tas-sena elf, disa mija, u disa u disgħin (1248/99)*

ii. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli lilu għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku skond il-liġi, u dan taħt kwalunkwe kondizzjoni li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuna.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**GG** xehed fol 13 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Lulju 1991 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u fit-tlettax ta' Ġunju tal-elfejn u erbatax, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali (dok A, fol 3) Illi minn dak in-nhar ma kienx hemm rikonċiljazzjoni u ma kienx hemm tama tal-istess. Il-manteniment dejjem tħallas u ma hemmx arretrati tal-istess.

**LA** xehdet fol 15 et seqq illi l-partijiet kienu miżewwġin b'zewgt itfal, huma isseparaw u li ma hemm ebda tama ta' rikonċiljazzjoni bejniethom. Xehdet illi l-manteniment dejjem tħallas u ma hemm ebda arretrati ta' manteniment.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' Lulju 1999 u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, datat 13 ta' Ġunju 2014 (vide Dok. A fol 3 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi ġew sodisfatti r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum,**

**javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**